**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 31 ta' Mejju 2018**

**Pulizija**

**Spettur Carlos Cordina**

**Vs**

**Mark Zahra**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Mark Zahra ta' 43 sena, iben Joseph u Mary Anne xebba Azzopardi, mwieled Pieta' nhar it-2 t'Ottubru 1971, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 449371M u residenti gewwa 'Redeemer House', Triq Merhba, Fgura;

Talli b'diversi atti maghmulin fi zminiejit differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, nhar l-14 ta' Settembru 2013 ghall-habta ta' bejn 19:45hrs u 21:20hrs, minn gewwa ir-residenza bl-isem ta' 'Maroota', 153, Vjal Indipendenza, Mosta :

1) Ikkommetta serq ta' flus kontanti, ta' gejjolli u diversi oggetti ohra, liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghooxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37c), bil-hin, bil-lok u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Anthony u Victoria Sciberras u/jew persuna/i ohra;

2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Nhar l-14 ta' Settembru 2013 ghall-habta ta' bejn 19:45hrs u 21:20hrs, minn gewwa ir-residenza bl-isem ta' 'Ward u Zahar', 124, Vjal Indipendenza, Mosta;

3) Ikkommetta serq ta' gojjelli liema serq huwa aggaravat, bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin eura u erbgha u disghin centezmu (€232.94c), bil-hin, bil-lok u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Joseph u Maria Anna Gauci u/jew persuna/i ohra;

4) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

5) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara ma teccedix l-ammont ta' €23.29c ghad-dannu ta' Familja Gauci u/jew terzi persuna/i ohra;

6) U aktar talli lf-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

7) Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fl-14 ta' Settembru, 2013, gie rapportat lill-Pulizija li kienet sehhet serqa minn zewg residenzi fi Vjal l-Indipendenza Mosta, fl-istess hinijiet. Instab hafna taqlib fiz-zewg residenzi, u kien hemm anke oggetti minn residenza wahda li nstabu fir-residenza l-ohra. Ghalhekk il-Pulizija kkonkludiet li min dahal jisraq minn dawn iz-zewgt idjar kien l-istess persuna. Gew elevati impronti digitali mix-xena tad-delitt, u wara li l-Pulizija ghamlet l-investigazzjonijiet taghha, gie arrestat l-imputat u ttiehdu zewg stqarrijiet tieghu. Sussegwentement tressaq il-Qorti akkuzat li kien hu li seraq miz-zewgt idjar imsemmija.

Mill-provi prodotti jirrizulta car li kien l-imputat li dahal fiz-zewg residenzi u seraq l-oggetti indikati. Dan irrisulta ghax l-impronti digitali li nstabu f'residenza minnhom kienu jaqblu ma' dawk tal-imputat. Ma nghatat ebda spjegazzjoni minnu, la fl-istqarrijiet rilaxxati minnu u l-anqas f'xi stadju iehor, kif instabu impronti digitali tieghu f'residenza ta' persuni li ma jigux minnhom u li qatt ma kien mistieden ghandhom. B'din il-prova daqshekk importanti li nstabet fuq ix-xena tad-delitt, ftit li xejn jista' jkollha dubji din il-Qorti dwar min wettaq din is-serqa mir-residenzi msemmija. Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda biex il-kaz jigi ppruvat, izda din kienet l-aktar prova importanti li ma thalli ebda dubju f'mohh il-Qorti. Tenut kont ukoll tal-fatt li kien hemm taqlib ta' oggetti fiz-zewg residenzi, li kien hemm oggetti li gew nieqsa minn dar wahda u li nstabu fid-dar l-ohra u vice-versa, u tenut kont li s-serq twettaq fl-istess jum u kwazi fl-istess hin, u li d-djar huma t-tnejn ftit distanza boghod minn xulxin, bil-fors ifisser li l-istess persuna li dahlet tisraq f'dar wahda dahlet ukoll fid-dar l-ohra. Ghalhekk il-Qorti sejra ssib lill-imputat hati ta' dawn l-akkuzi kollha. Kwantu ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti sejra tapplika sanzjoni li tirrestringi l-liberta' tal-imputat permezz ta' sentenza ta' prigunerija. Il-vjolazzjoni tal-proprjeta' privata, ghalkemm mhuwiex reat kontra l-persuna izda hu reat kontra l-proprjeta', xorta jhalli marka indelibbli fuq il-membri tal-familja li jghixu fid-dar li giet misruqa. Ghalhekk il-piena ghandha tirrefletti l-hsara li saret lil dawn iz-zewg familji.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263 (a), 267, 269 (g), 270, 278 (3), 280 (2), 325(d) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal erba' snin prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**